MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 44

5 ta' Ottubru 2015

Minuti tas-seduta Nru. 44 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tnejn 5 ta' Ottubru 2015 fis-6.00pm.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier D. Vella. Is-Sur D. Vella kien indispost. L-Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ, Erica Galea ma attendietx is-seduta.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa direttament permezz tal-internet.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku J. Buttigieg.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 2.1.5. **(Ref: F/2/Vol VIII)** tas-seduta preċedenti u talab li tinqara kif ġej:

*2.1.5. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għal inċident li kien hemm fi Triq l-Għollieqa, fejn persuna riekeb fuq mutur daħal fi Triq l-Erwieħ u baqa sejjer sa Triq l-Għollieqa, fejn kien hemm l-post riżervat għall-Kavallieri biex jassistu għall-wirja tal-logħob tan-nar. L-istess sewwieq laqat żewġ persuni li waqgħu ma' l-art. Huwa ppropona li Triq l-Erwieħ, kantuniera ma' Triq il-Marfa għandha tingħalaq permezz ta' bollards bil-katina.*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti tas-seduta preċedenti bl-emenda t'hawn fuq, u wara ġew iffirmati mis-Sindku u Segretarju Eżekuttiv. Il-Kunsill qabel ukoll li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Attivita` fi Triq l-Għoljiet (A/6/3/1/Vol 82)

2.1.2. Is-Sindku rrefera għall-minuta 4.5.1. tas-seduta ta' qabel u qal li saret laqgħa mas-Sur Publio Vassallo, president tal-Malta Mini Owners Club, fejn ġiet suġġerita lilu li l-vetturi tal-membri jokkupaw ħames spażji għall-ipparjkar fi Triq l-Għoljiet u ħamsa oħra fi Triq in-Naħal, biswit il-Billy's Music Club.

2.1.3. Il-Kunsill approva l-proposta bil-kundizzjoni li t-toroq imsemmija jibqgħu miftuħa, filwaqt li jintalab ħlas għal kull spażju li jiġi riżervat. Kien hemm qbil li għandha tingħata għażla ta' żewġ dati: l-24 u l-31 ta' Ottubru 2015.

### 2.2.1. Servizz dwar tiswija tal-qtates (A/9)

2.2.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 12.2. tas-seduta ta' qabel u għarfet lill-Kunsill li hija kompliet il-kuntatti li permezz tagħhom rriżulta li hemm Kunsilli li jaħdmu b'sistema ta' kupuni li jgħadduhom lil persuni li jirrapportaw każi fejn intervent huwa meħtieġ. Dawn jgħadduhom lill-veterinarji li jipprovdu s-servizz li ssussegwentement jiġu ritornati lill-Kunsill sabiex isir il-ħlas. Fl-istess kuntatti ssemmiet ir-rata ta' €35 kull intervent, li tkopri wkoll għall-perjodu ta' konvalixxenza tal-qtates li jiġu trattati.

2.2.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li r-rata ta' €35 hija pjuttost għolja, filwaqt li bejn €15 u €20 hija aktar raġġjonevoli.

2.2.4. Il-Kunsill qabel li s-servizz jibqa' jingħata f'sena partikulari sakemm jiġi eżawrit il-vot 3380.

2.2.5. Il-Kunsill kien tal-fehma li f'dan l-istadju m'għandhomx jiġu kkuntattjati direttament veterinjari, jew NGO's direttament, iżda għandu jsir avviż fil-magazin "Mill-Qiegħa" bil-għan li jkunu jistgħu jinkisbu stimi.

### 2.3.1. Kors – Għaqal fid-Dar, Ħajja Aħjar (E/3/2/Vol II)

2.3.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuti 15.1. tas-seduta preċedenti u għarfet li sal-5 ta' Ottubru 2015 kienu rreġistraw 30 persuna għall-kors imsemmi.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1. Kompetizzjoni tas-*Snooker* (S/4/2/Vol III)

2.4.2. Il-Kunsillier H. Fenech irrefera għall-minuta 13.1. tas-seduta ta' qabel u qal li bi qbil mad-diriġenti tat-timijiet li normalment jieħdu sehem fil-kompetizzjoni msemmija, it-*Tournament* tas-*Snooker* 2015/16 ser jikkonsisti f'*league* tad-*doubles* u ieħor individwali. Huwa għarraf lill-Kunsill illi s-sejħa għall-applikazzjonijiet tagħlaq fid-9 ta' Ottubru 2015.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 02/10/15
- Skeda ta' Pagamenti – 10/09/15 – 02/10/15
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Impjieġ ta' Uffiċjal fi Skala 15 – Rapport tal-Intervista u Test Prattiku – 01/10/15;
- Reviżjoni tal-*Bye-Laws* 37/2/2009 dwar Attivitajiet fil-Beraħ;

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. *Culvert* għall-ilma tax-xita f'Santa Marija Estate (D/1/Vol II)

4.1.2. Saret referenza għal imejl datat 15 ta' Settembru 2015 mibgħut lill-Ombudsman mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma dwar l-istat tal-*main* tad-drenaġġ li għaddej bejn Triq Ta' Taħt l-Irdum u Triq in-Nixxiegħa. Fl-istess korrispondenza l-Korporazzjoni qalet li għamlet l-investigazzjonijiet meħtieġa biex jiġi żgurat li d-drenaġġ ma jitħallatx mal-ilma tax-xita. Intqal ukoll li t-tappieri tal-*culvert* għall-ilma tax-xita m'humiex fi stat tajjeb u jeħtieġ li jingħalqu. Permezz ta' ittra datata 17 ta' Settembru 2015, l-Ombudsman staqsa lill-Kunsill dwar x'passi se jittieħdu minn naħa tiegħu fid-dawl tal-ittra li huwa rċieva mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma.

4.1.3. Is-Segretarju għarraf li fil-25 ta' Settembru 2015 inġieb fuq il-post *pressure washer* mill-Kunsill sabiex jitnaddaf il-*culvert* tal-ilma tax-xita minn xi materjal li kien qed jimblukkaħ u ġie żgurat li dan qed jaħdem. Irriżulta wkoll li jeħtieġ jinbnew il-ħitan tal-*manholes* u jingħalqu bit-tappieri.

4.1.4. Is-Sindku spjega li, skont pjanta li nkisbet mingħand Cenmed Ltd il-*culvert* imsemmi , oriġinarjament kien jestendi sal-Wied ta' Għajn Żejtuna, iżda bl-interventi li saru matul is-snin dan probabbilment ġie mblukkat. Għaldaqstant ser ikun meħtieġ li l-*culvert* in kwistjoni jiżbokka fi Triq in-Nixxiegħa.

4.1.5. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet u talab li l-Ombudsman jiġi aġġornat bis-sitwazzjoni.

### 4.2.1. Tibdil fil-livelli tat-triq f'Dawret it-Tunnara (P/5/8/T)

4.2.2. Saret referenza għal talba datata 30 ta' Awwissu 2015, mill-Perit Louis Borg f'isem Paul Camilleri sabiex jreġġa' il-livelli tat-triq f'Dawret it-Tunnara għal dawk oriġinali. Din it-talba saret b'rabta ma' applikazzjoni lill-MEPA (PA 716/08) sabiex *penthouse* li kienet approvati qabel tinbidel f'appartament, filwaqt li tinbena *penthouse* oħra fuqha. Fl-2008 kien intalab permess sabiex jgħola l-livell tat-triq minħabba li l-ilma tax-xita kien qed imur fil-proprjetà tas-Sur Camilleri. F'dak iż-żmien ukoll, sitt persuni differenti li għandhom proprjetà fil-parti affettwata, iddikjaraw li m'għandhomx oġġezzjoni għal dan.

4.2.3. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'għandux ikun hemm oġġezzjoni li l-livelli tat-triq jibqgħu kif kienu oriġinarjament, sakemm is-sidien tal-binjiet kollha affettwati jiddikjaraw li ma jsibux oġġezzjoni.

### 4.3.1. Kommemorazzjoni mir-Royal Marines Association (Malta) (S/6/Vol IV)

4.3.2. Saret referenza għal ittra datata 24 ta' Settembru 2015, mibgħuta mir-Royal Marines Association fejn intqal li l-istess għaqda ser tlaqqa' bejn 60 u 90 membru ġejjin mir-Renju Unit u pajjiżi oħra biex jitfakkar il-21 anniversarju mit-twaqqif tal-fergħa tagħha f'Malta. Iż-żjara fil-Mellieħa ser tinkludi żjara fix-xelters tat-Tieni Ġwerra Dinjija, kif ukoll kunċert fis-sede tal-Għaqda Mużikali Imperial. Sar appell sabiex il-Kunsill jappoġġja din iż-żjara.

4.3.3. Il-Kunsill qabel li għandu jipprovdi t-trasferimenti minn u għall-ajruport, kif ukoll il-ħlas tad-dħul għax-xelters.

### 4.4.1. Twaqqif ta' għaqda għar-residenti ta' Selmun (G/1)

4.4.2. Saret referenza għal ittra datata 28 ta' Settembru 2015, fejn il-Kunsill ġie mgħarraf li twaqqfet is-*Selmun Residents Association* bil-għan li tittratta materji li jolqtu li dan l-irħajjel. L-assoċjazzjoni għamlitha ċara li m'għandha ebda ntenzjoni li tassumi d-doveri tal-Kunsill Lokali, iżda biex tgħinu jidentifika il-prioritajiet sabiex itejjeb il-qagħda f'Selmun. Għaldaqstant intalbet laqgħa mal-Kunsill bil-għan li jiġi stabbilit kif jista' jkun hemm koperazzjoni bejn iż-żewġ naħat.

4.4.3. Il-Kunsill laqa' it-talba u ddeċieda li jitlaqa' ma' delegazzjoni mill-assoċjazzjoni fis-26 ta' Ottubru 2015 fis-6.30pm.

### 4.5.1. Danni kkawżati fuq vettura fi Triq il-Mellieħa (D/5/Vol II)

4.5.2. Saret referenza għal imejl datat 30 ta' Settembru 2015 mibgħut minn Ms Eileen Azzopardi dwar inċident li allegatament ġara fis-6 ta' Settembru 2015 fis-11.30pm, waqt li kienet qed issuq il-vettura tagħha EBW 723. Skont l-istess ittra u r-rapport li sar mal-Pulizija fit-22 ta' Settembru, wieħed mit-*tyres* tal-vetturi infaqa' u kellu jinbidel ma' wieħed ġdid bi spiża ta' €100, liema nefqa ġiet ippruvata permezz tal-kont relattiv.

4.5.3. Wara li l-Kunsill ra r-ritratt tal-ħofra li allegament kkawżat id-danni, ma kienx konvint li kienet kbira u fonda biżżejjed biex tikkawża l-ħsara rrappurtata. Fin-nuqqas ta' ritratti meħuda fuq il-post eżattament wara li ġara l-inċident, il-Kunsill dehrlu li ma ngħatawx provi biżżejjed li d-danni verament seħħew permezz tal-ħofra ndikata.

### 4.6.1. Delega tal-infurzar lokali lill-Aġenzija L.E.S.A. (W/3/Vol XI)

4.6.2. Saret referenza għall-Memo 26/2015 tat-30 ta' Settembru 2015 mibgħut mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali, fejn tħabbar li b'effett mill-1 ta' Ottubru 2015, id-delega tal-infurzar lokali ser tgħaddi għand l-aġenzija mwaqqfa apposta bl-isem ta' *Local Enforcement System Agency (L.E.S.A.*) skont l-avviżi legali 310, 311 u 312 tal-2015. Għaldaqstant, ċitazzjonijiet maħruġa mill-1 ta' Ottubru 2015 'il quddiem ser ikunu pagabbli lill-L.E.S.A. Fir-rigward ta' ċitazzjonijiet maħruġa sat-30 ta' Settembru 2015, il-ħlas ser jibqa' jmur għand ir-Reġjuni konċernati.

4.6.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li t-tħaddim tat-Tribunal Lokali ser jibqa' jiġi amministrat mill-Kumitat Reġjonali. Jirriżulta wkoll li attwalment teżisti aġenzija tal-Gwardjani Lokali waħda, peress li dik li kienet tipprovdi s-servizz fin-nofsinhar ta' Malta ġiet amalgamata mal-Guard and Warden Service House Ltd. Inizjalment ser jibqgħu jiġu segwiti l-iskedi li kienu addottaw il-Kumitati Reġjonali. Huwa qal ukoll li l-ħlas tal-kummissjoni marbuta mal-ħlas tal-kontravvenzjonijiet li jsir fl-uffiċini tal-Kunsilli Lokali jrid jibda jiġi mitlub lill-L.E.S.A, b'effett mill-1 ta' Ottubru 2015.

4.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Materjal

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 2 ta' Ottubru 2015.

5.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

## 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet marbuta ma' Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet skeda ta' pagamenti li tkopri bejn l- 10 ta' Settembru u t-2 ta' Ottubru 2015.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fl-iskeda u għaldaqstant kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt.

## 7.1. Sejħa għall-offerti 4/2015 – Provvista ta' konkos għal użu ġenerali (D/3/1/Vol V)

7.2. Tressaq rapport tekniku tat-12 ta' Settembru 2015, li sar mill-*Contracts Manager* – il-Perit J. Attard – fejn ġiet eżaminata d-dokumentazzjoni sottomessa mill-offerenti u ġie rakkomandat li l-kuntratt jingħata lil Central Asphalt Ltd billi ssodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija u għamlu l-irħas offerta.

7.3. Is-Segretarju kkonferma li r-rekwiżiti stabbiliti fid-dokument tal-offerta f'dik li hija dokumentazzjoni, ġew milħuqa skont kif irrappurtat fl-iskeda tal-offerti li saru.

7.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent imsemmi fil-minuta 7.2. aktar 'il fuq.

## 8.1. Sejħa għall-offerti 5/2015 – Provvista ta' Tarmak *(Dense Coated Mixes)* (D/3/1/Vol V)

8.2. Tressaq rapport tekniku tat-12 ta' Settembru 2015, li sar mill-*Contracts Manager* – il-Perit J. Attard – fejn ġiet eżaminata d-dokumentazzjoni sottomessa mill-offerenti u ġie rakkomandat li l-kuntratt jingħata lil Central Asphalt Ltd billi ssodisfaw l-ispeċifikazzjonijiet mogħtija u għamlu l-irħas offerta.

8.3. Is-Segretarju kkonferma li r-rekwiżiti stabbiliti fid-dokument tal-offerta f'dik li hija dokumentazzjoni, ġew milħuqa, skont ma' ġie rrappurtat .

8.4. Il-Kunsill iddeċieda li għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni lill-offerent imsemmi fil-minuta 7.2. aktar 'il fuq.

## 9.1. Impjieg ta' uffiċjal fi Skala 15 (P/7/1/Vol X)

9.2. Is-Segretarju rrefera għar-rapport tal-Bord tal-Għażla tal-1 ta' Ottubru 2015, liema rapport ġie mgħoddi lill-Kunsillieri kollha qabel is-seduta u li kopja tiegħu qed tiġi mehmuża ma' dawn il-minuti.

9.3. Il-Kunsill approva r-rakkomandazzjoni tal-Bord u qabel li jiġi mpjegat il-kandidat Christian Mifsud (I.D. Nru. 274189M) wara li jġib żewġ riferenza bil-miktub, skont kif stipulat fir-regolament 26 tar- Regolamenti dwar Kunsilli Lokali – Riżorsi Umani, kif ukoll tinżamm kopja taċ-ċertifikati dwar il-kwalifiki, wara li jiġi muri l-oriġinal tagħhom.

## 10.1. Konsultazzjoni dwar linji gwida rigward stabbilimenti tal-ikel fi spazji pubbliċi (P/5/4/Vol II)

10.2. Tkompliet id-diskussjoni mibdija fis-seduta preċedenti bil-Viċi Sindku C. Bartolo jressaq il-punti li ġejjin:

- *Policy* 4.2.1. (PP 29) – Tabelli tal-menu fuq *stand* għandhom jitqiesu bħala parti mill-għamara addizzjonali li hija aċċettabbli fl-area approvata.

- Policy 4.2.7. (PP 33) – *Servicing stations* għandhom ikunu tal-istess disinn u kulur li jaqbel mal-madwar, kif ukoll mal-kumplament tal-għamara.

10.3. Il-Kunsill qabel li l-punti kollha mqajma għandhom jiġu mgħoddija lill-MEPA.

### 11.1. Reviżjoni ta' *Bye-laws* K.L.B.L. 37/2/2009 dwar attivitajiet fil-beraħ (B/5/Vol IV)

11.2. Is-Segretarju aċċenna għall-fatt li t-test tal-*bye-laws* imsemmija li ġie mibdul mill-konsulent legali skont kif ġie deċiż aktar kmieni fil-Kunsill. Is-Sur C. Debono spjega li fid-dokument li tqassam qabel is-seduta t-test oriġinali u dak propost mill-avukat tqiegħdu biswit xulxin sabiex toħroġ iktar id-differenza bejn iż-żewġ testi.

11.3. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-*proviso* mar-Regolament 3.1 (ċ) tat-test propost u ppropona li jinqara hekk:

> "(ċ) li ma titqiegħed l-ebda ħaġa fuq il-bankina, fit-triq, jew madwar il-*camper*."

11.4. Il-Viċ Sindku C. Bartolo ġibed l-attenzjoni li fil-kuntest tal-Mellieħa, hemm ċerti postijiet fejn anke *gazebos* joħolqu problemi ta' inġombru u għalhekk dawn għandhom jiġu pprojbiti fuq mollijiet u skali fejn ixekklu l-aċċess pedonali, jew b'xi mod joħolqu periklu. Kompla jgħid li fi kwalunkwe każ, fejn dawn ikunu permessi, jistgħu jintramaw biss wara tlugħ x-xemx u jiżżarmaw ma' nżulha. Għaldaqstant ġie propost li jiżdied *proviso* ieħor mar-Regolament 3.1 f'dan is-sens.

11.5. Saret referenza għall-ewwel *proviso* mar-Regolament 4.4, u kien hemm qbil li dan għandu jinqara hekk:

> "Iżda għandu jitħallas dritt ta' hames mitt Ewro (€500) meta l-attivita` tkun intiża għal aktar minn ħamsin persuna bi skop kummerċjali, filwaqt li l-applikazzjoni relattiva għandha tiġi sottomessa mill-inqas xahar qabel id-data ffissata.".

11.6. Fir-rigward tat-tieni *proviso* mar-Regolament 4.4, kien hemm qbil li dan għandu jinqara kif ġej:

> "Iżda meta attivita` intiża għal aktar minn ħamsin persuna tkun organizzata bi skop mhux kummerċjali, id-dritt li għandu jitħallas huwa ta' ħamsin Ewro (€50)."

11.7. Billi ma kienx hemm aktar emendi, kien hemm qbil li l-konsulent legali għandu jiġi mistieden jattendi fis-seduta li jmiss sabiex jiġi finalizzat it-test.

### 12.1. *White Paper* dwar il-Ħinijiet tal-Iskejjel u l-Konġestjoni tat-Traffiku (S/3/2)

12.2. Is-Segretarju ressaq numru ta' fatturi li jaffettwaw it-traffiku fil-kuntest lokali u li forsi jistgħu għandhom relevanza fuq bażi nazzjonali li huma s-segwenti:

- Il-Kunsill taffa mill-problema ta' konġestjoni tat-traffiku fit-toroq ewlenin bl-introduzzjoni ta' żewġ ġabriet kuljum – waħda qabel jiftħu n-negozji fit-8.00am u oħra bejn l-10.00am u l-11.00am li ssir b'aktar ħeffa. Flimkien ma' dan qed tiġi mħaddma l-*policy* li l-permessi għat-tqegħid ta' makkinarju tal-kostruzzjoni wara d-9.00am.

- Il-kunċett tal-*park-and-ride* fil-Mellieħa m'għandux jiġi applikat biss f'okkażjonijiet speċjali, imma jitħaddem fuq bażi permanenti abbinata mas-servizz ta' *feeder line* tal-karozzi tal-linja li jkun ikopri t-toroq ewlenin;

- Jiġu identifikati r-raġunijiet għaliex ħafna ġenituri fil-Mellieħa jgħażlu li jużaw it-trasport privat, minflok dak provdut mingħajr ħlas mid-Diviżjoni tal-Edukazzjoni. Forsi għaliex fit-trasport provdut m'hemmx sigurta` u superviżjoni biżżejjed fuq it-tfal waqt il-vjaġġ lejn u mill-iskola;

12.3. Fuq bażi nazzjonali, is-Segretarju osserva li hemm istitutuzzjonijiet, bħalma huma l-Qrati, l-Isptar Mater Dei, eċċ li jiffissaw appuntamenti fil-ħinijiet mid-9.00am 'il quddiem, minflok ikunu mifruxa fuq perjodu itwal matul il-ġurnata.

12.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li huwa lmenta mal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali minħabba li l-Kunsilli ngħataw biss jumejn żmien biex jikkummentaw fuq il-*white paper*. Is-Segretarju qal ukoll li sar l-istess b'mod uffiċjali minn naħa tal-Kunsill, peress li d-data tal-għeluq kienet proprju l-5 ta' Ottubru 2015 – id-data ta' din is-seduta.

12.5. Il-Kunsill innota u approva l-punti mressqa u qabel li għandhom jiġu mgħoddija lill-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol direttament.

## 13.1. Servizz ta' messaġġi fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum (E/3/1/11/Vol II)

13.2. Il-Kunsillier J. Attard qal li huwa ġie avviċinat minn persuna li lesta tagħti servizz ta' *body massage*, kura tad-dwiefer eċċ fiċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa. Huwa staqsa dwar jekk dan is-servizz jistax jiffinanzjah il-Kunsill.

13.3. Il-Kunsillier E. Bartolo kkummenta li ma jaqbilx li l-Kunsill jiffinanzja servizz ta' dan it-tip.

13.4. Is-Sindku qal li huwa jaqbel mal-opinjoni espressa fil-minuta 13.3., iżda jiddejjaq jisma' kummenti politiċi barra mill-Kunsill jallegaw li ċ-Ċentru ta' Matul il-Jum qed jiġi traskurat u għalhekk l-oġġezzjoni għal dan is-servizz m'għandux jitqies li b'xi mod il-Kunsill qed jitraskura l-istess ċentru.

## 14.1. Ħarġa kulturali (A/5/5/Vol VII)

14.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini pproponiet illi l-ħarġa kulturali li jmiss fil-15 ta' Ottubru 2015 tkun tinkludi l-Birgu, vjaġġ bil-lanċa lejn il-Belt Valletta u waqfa fil-Barrakka ta' Fuq. Hija qalet li l-prezz ser ikun ta' €10 li jinkludi t-trasport u l-ikel.

14.3. Il-Kunsill approva l-proposta mressqa u qabel li s-Sindku u l-Kunsillier J. Gauci għandhom jakkumpanjaw il-grupp.

## 15.1. Lejla letterarja (A/5/5/Vol VIII)

15.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għad-diskussjonijiet li kien hemm f'seduti preċedenti u pproponiet li l-attivita` imsemmija sseħħ fid-9 ta' Ottubru 2015 fis-sede tal-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina. Bħala programm hija ssuġġeriet li jinqraw tliet poeżiji ta' Marija Grima, John Camilleri u Anthony Fenech. Dan jinqraw minnhom stess. Il-parti mużikali ser issir bis-sehem tal-Grupp Simar. Jintwera wkoll filmat dwar l-Għ.K.O.M.B. u tingħata bibita` fi tmiem is-serata.

15.3. Il-Kunsill approva l-proposti mressqa u għaldaqstant ġie deċiż li jinħarġu l-inviti.

## 16.1. Tindif taċ-Ċimiterji (C/7)

16.2. Il-Kunsillier J. Attard ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li tingħata tindifa ġenerali fiċ-ċimiterji Sultana tal-Vittorji u Omm il-Ħniena sabiex ikunu lesti sax-Xahar tal-Erwieħ f'Novembru, meta ħafna nies iżuru l-oqbra ta' qrabathom mejtin.

16.3. Ittieħdet nota tas-suġġeriment sabiex tittieħed azzjoni.

## 17.1. Bdil tal-ġranet tal-ġbir tal-iskart domestiku (K/6/11)(K/6/2/Vol V)

17.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo ġibed l-attenzjoni dwar l-intenżjoni tal-Kunsill li l-ġbir tal-iskart riċiklabbli issir il-Ġimgħa minflok il-Ħamis sabiex ikun hemm perjodu itwal mill-ġabra li ssir nhar ta' Tlieta.

17.3. Is-Sindku wieġeb li dan il-punt ser jitqajjem waqt laqgħa li ser issir mal-Kap Eżekuttiv ta' Green MT fid-9 ta' Ottubru 2015.

## 18.1. Tħejjijiet għall-Milied 2015 u l-Ewwel tas-Sena 2016 (A/5/3/7)

18.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li minn naħa tiegħu huwa qed jagħmel it-tħejjijiet għall-attivitajiet marbuta mal-festi msemmija.

18.3. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni sabiex il-programmi li jitfasslu jkunu akkumpanjati bl-estimi li jiġu approvati mill-Kunsill.

18.4. Il-Kunsill qabel li dan is-suġġett għandu jitpoġġa fuq l-aġenda tas-seduta li jmiss.

## 19.1. Kunċerti minn banda Norveġiża (A/5/5/Vol VII)

19.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo għarraf li fl-1 u t-2 ta' Ottubru 2015, il-banda Vestre Aker Musikkorps minn Norveġja tat kunċerti f'Misraħ il-Parroċċa u fi Triq Ġorġ Borg Olivier (pjazzetta), rispettivament. Huwa qal li nħareġ *poster* mill-uffiċċju tal-Kunsill biex tingħata pubbliċita` liż-żewġ attivitajiet.

19.3. Il-Kunsill innota l-azzjoni li ttieħdet.

## 20.1. Tlielaq ta' karozzi klassici organizzati mill-Mdina Grand Prix Foundation (A/6/3/2/Vol 47)

20.2. Il-Viċi Sindku rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett f'seduti preċedenti u fakkar li t-tellieqa f'Dawret il-Mellieħa se ssir nhar il-Ħamis 8 ta' Ottubru 2015, bejn it-3.00pm u t-8.00pm. Huwa qal ukoll li saru arranġamenti sabiex ir-riċeviment ta' wara jsir fuq il-Belvedere tas-Sur, filwaqt li l-ipparkjar tal-vetturi tal-parteċipanti jsir f'Misraħ il-Parroċċa.

20.3. Il-Kunsill approva l-allokazzjoni ta' żewġ Gwardjani Lokali u l-eżenzjoni mill-ħlas tal-permess.

## 21.1. Attivitajiet kulturali f'Agia Napa (K/1/5/4)

21.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għall-parteċipazzjoni fl-Agia Napa Festival, bejn l-24 u t-27 ta' Settembru 2015. Huwa qal li ġew trattati tajjeb mill-Kunsill ta' Agia Napa. Kien ta' pjaċir ukoll li l-i*stand* tal-Mellieħa żaruħ ħafna nies, inkluż il-Ministru tal-Edukazzjoni, Kultura ta' Ċipru, il-Professur Costas Kadis. Ipparteċipaw ukoll il-lokalitajiet ġemellati ma' Agia Napa, il-muniċipji ta' Ionnina fil-Greċja u Ivanova fir-Russja.

21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 22.1. Laqgħa ma' Transport Malta (T/4/7/Vol III)(T/3/2/Vol XII) (P/4/25)(T/5/1/Vol II)

23.2. Is-Sindku għarraf li huwa, flimkien mas-Segretarju kellhom laqgħa fit-28 ta' Settembru 2015 mal-Kap Eżekuttiv tar-*Road Infrastructure Directorate* s-Sur Simon Grima, kif ukoll mad-Direttur tat-*Traffic Management and Road Safety Directorate* l-Perit Audrey Testaferrata de Noto u s-Sur Andrew Haig mill-*Enforcement Directorate* tal-istess awtorita`. Is-Sur J. Buttigieg qal li l-aġenda trattata u l-eżitu` tal-laqgħa kien kif ġej:

*Resurfacing* ta' Triq il-Qortin

23.3. Ir-*Road Infrastructure Directorate* għandu stima li taqbeż miljun Ewro u għalhekk huwa ppjanat li x-xogħol jinqasam f'żewġ fażijiet. Il-materja għandha tiġi segwita` b'laqgħa mal-Perit Lorraine Bonnici Cassar.

Traffiku fil-Manikata

23.4. It-twessiegħ ta' Triq il-Manikata jinvolvi bini ta' *retaining wall*, kif ukoll esproprjazzjoni ta' art privata li t-tnejn flimkien jammontaw għal spiża konsiderevoli. Transport Malta qed tara wkoll is-soluzzjoni ta' din il-problema bl-introduzzjoni ta' sistema *one-way* li tinkludi fiha Sqaq Ħarruba. Deċiżjoni fuq din il-materja għandha tittieħed skont l-eżitu` tal-appell li sar mir-residenti ta' Triq il-Mejjiesa dwar il-ftuħ ta' Sqaq Ħarruba li qed jiġi trattat mit-Tribunal ta' Reviżjoni ta' l-Ambjent u l-Ippjanar.

PC 0021/15 - Bdil fl-allinjament tat-triq il-ġdida biswit Misraħ il-Parroċċa – Manikata

23.5. Il-Perit A. Testaferrata de Noto ġiet infurmata li biex jiffaċilta` l-proċess li għandu jirrendi t-triq imsemmija bla periklu, il-Kunsill ressaq *planning control application* mal-MEPA. Il-materja għandha tiġi segwita` b'laqgħa mal-Perit Noel Gauci li kkordina x-xogħol fuq din it-triq fl-2013.

Tneħħija tal-*Interchange* tal-Karozzi tal-Linja fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (Belleview) u ir-rotot il-ġodda.

23.6. Is-Sur A. Haig qal li minn naħa ta' Transport Malta saret reviżjoni fir-rotot tal-karozzi tal-linja, li fir-rigward tal-Mellieħa dan ser jinvolvi li:

- Ir-rotot kollha ser jgħaddu mit-toroq ewlenin, inkluż l-X1 bejn iċ-Ċirkewwa u l-Ajruport;

- Ingħatat konferma li l-*interchange* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi ser jispiċċa u minfloku ser jintużaw il-bus stops eżistenti li hemm qribu fi Triq il-Kbira;
- Se tiġi ntrodotta rotta X1A diretta bejn iċ-Ċirkewwa u l-Universita`;
- Ir-rotta mill-Armier għall-Belt Nru. 39 ser tibqa' tiffunzjona matul is-sena kollha, iżda fix-xitwa ser tiġi mqassra billi tibda u tieqaf fl-Għadira; u
- Il-f*eeder lines* Nri. 101 u 102 ser jitqassru u mhux ser jibqgħu jidħlu fiż-żoni ta' Mellieħa Heights, Santa Marija Estate u fil-Kortin;

23.7. Il-Kunsill qabel li r-rotta 101 għandha tidħol fi Triq Qasam Barrani, iddur mar-*roundabout* ta' Triq il-Mitħna l-Ġdida u terġa toħroġ mill-istess triq. Għall-benefiċċju tan-nies li jeħtiġilhom jżuru d-Dar tal-Anzjani jew biex imorru fiċ-ċentru tal-Mellieħa, għandu jsir *bus stop* ieħor minflok l-aħħar żewġ *parking bays* fi Triq Qasam Barrani qrib il-kantuniera ma' Triq il-Wied.

23.8. Kien hemm qbil ukoll li l-*bus shelters* ta' Triq l-Iżbark tal-Franċiżi għandu jinżammu sabiex jintużaw biss għat-tfal tal-iskola, billi l-post joffri aktar sigurta` għalihom, filwaqt li tonqos il-possibilita` ta' konġestjoni fuq dak ta' Triq il-Kbira fil-ħinijiet ta' filgħodu.

<u>L-għeluq tal-parkeġġ ta' quddiem l-Iskola waqt il-ħinijiet tad-dħul u l-ħruġ tat-tfal.</u>

23.9. Is-Sur J. Buttigieg qal li t-*Traffic Management and Road Safety Directorate* m'huwiex iħares b'mod favorevoli lejn din il-proposta, peress li b'din il-miżura hemm il-possibilta` li l-parkeġġ li hemm fit-trejqa bejn Triq Qasam Barrani u Triq il-Mitħna l-Ġdida jispiċċa spazju riżervat għall-impjegati tal-iskola għaliex huma biss jaslu qabel id-dħul tal-iskola, jew min jinżerta jkun hemm qabel. Għaldaqstant, id-direttorat huwa tal-fehma li l-operat tal-iskola jeħtieġ li jintegra skont l-esiġenzi taż-żona.

23.10. Is-Sindku qal li bir-rinovar li sar fuq barra tal-iskola, wieħed jista' jidħol mit-tarf tal-binja fi Triq il-Mitħna l-Ġdida u jimxi mal-passaġġ li sar u jilħaq il-bibien kollha. Apparti dan, jekk wieħed ma jridx jixxarrab jekk tkun ix-xita, huwa faċli li wieħed jieqaf fi Triq Qasam Barrani u jidħol l-iskola mill-bibien li hemm fl-istess triq.

23.11. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa mal-Kunsill Skolastiku biex tiġi spjegata l-posizzjoni dwar il-proposta li saret mill-istess kunsill.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fl-10.30pm u ġiet-aġġornata għal nhar it-Tnejn, 26 ta' Ottubru 2015 fis-6.30 pm.

| | |
|---|---|
| John Buttigieg | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |